MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1099/2003

**Emmanuel Vella**
**Vs**

**Fabio Ciappara et.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li talab li jithallas is-somma ta’ elf mitejn u disa’ lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1209.68) jew somma verjuri li tigi stabbilita’ minn dan it-Tribunal, liema somma tirrapprezenta Lm258.68 danni rizultanti minn incident li sehh bejn il-kontendenti fit-3 ta’ Gunju, 2001, dovuti in kwantu ghal Lm881.00 bhala spejjes ta’ natura medika inkorsi mill-attur b’segwitu tal-istess incident u in kwantu ghal Lm100 bhala telf ta’ qliegh sofferti mill-attur;

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-konvenut Fabio Ciappara ma kienx involut u wisq anqas huwa responsabbli ghal allegat incident imsemmi mill-attur;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante wkoll illi l-konvenut ma kkawza l-ebda danni lill-atturi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova d-danni allegatament minnu sofferti;

Ra r-risposta ta' Alfred Vella li eccepixxa illi l-konvenut huwa presentement akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati fuq l-istess fatti u ghalhekk ghandu d-dritt li jibqa' sieket sa ma' dawn jinghalqu;

Fil-mertu, il-konvenut mhux responsabbli ghall-akkadut u ma kkawza l-ebda danni;

Il-kwantum tad-danni gie ukoll kkontestat;

Ra x-xhieda tal-attur li jispejga illi ghal habta ta' Gunju, 2001 hu kien qieghed bil-qieghda barra fuq bank ghal habta tal-10.30p.m. Ra lill-konvenut Alfred Vella li pparkja quddiem il-garaxx fejn kien jahdem l-attur, cioe', il-Public Service Garage;

Ra lil Vella jidhol fil-hanut tal-konvenut Fabio Ciappara. Sema' xi diskors fuqu peress li dakinhar filghodu bin Vella kien ipparkja quddiem il-garaxx, proprjeta' ta' l-attur u kellhom xi jghidu ghal ftit peress illi l-attur ried johrog taxi;

Sema' d-diskors li sar bejn Vella u Ciappara li mlieh kontrih. Vella beda jinsisti li l-attur ikkaguna hsara fil-vettura tat-tifel tieghu, b'daqqiet 'l hawn u 'l hemm;

Ix-xhud jghid li l-konvenuti gew ghal gol-garaxx u habtu ghalih, tant li l-attur ma rnexxielux jasal l-ghassa tal-pulizija li qieghda ma' genb il-garaxx tieghu. Jghid li bdew jaghtuh bis-sieq u bl-idejn. Imbaghad mar il-*polyclinic* u jispjega illi ma tnizzilx kollox fic-certifikat;

Ix-xhud jghid illi sofra grif, gilda mqaxxra, grif go halqu u recentement kellu jaqla' darsa. Meta qal lit-tabib li kellu

saqajh minfuhin, talbu biex imur l-ghada, izda dakinhar imbaghad sab tabib iehor, li, minkejja ammetta li kellu saqajh minfuhin ma riedx jaghmillu certifikat iehor.

Bhala hsarat, l-attur jikkonferma li kissrulu mobile tal-marka Motorola, mera tal-karozza kif ukoll rvinawlu qalziet, kollox b'valur ta' madwar mitejn u hamsin lira Maltin;

Dwar l-incident li sehh bejn l-attur u bin il-konvenut Vella, jispjega illi dan bin il-konvenut Vella kien pparkja quddiem il-garaxx tieghu, meta kien hemm pjazza shiha vojta. Dan kien ghal habta tat-8.30a.m. – 9.00a.m.;

Jidher li dan Vella kien dahal gol-hanut tal-konvenut Fabio Ciappara izda l-attur jghid li dam xi nofs siegha jfittxu;

L-attur jinnega illi qatt ikkaguna danni fuq il-vettura ta' Vella. Jghid biss li habbat fuq it-tieqa tal-vettura;

L-attur ikompli jghid li Ciappara kien hareg ghalih jinsulentah u li dan ilu mqabbad mieghu. Jispjega illi mbaghad kien dahal icempel il-pulizija ghaliex l-ghassa kienet maghluqa u sakemm cempel, Vella wasal u dahal gol-karozza tieghu. Kien f'dan il-mument li l-attur rah gol-karozza. Dan ipparkja n-naha l-ohra tat-triq u rega' dahal gol-hanut tal-konvenut Ciappara. Izda malli dahal fil-karozza, l-attur staqsieh fejn kien u kif ma kienx induna li kien qed ifittxu;

L-attur jikkonferma li l-incident spicca hemm. Filghaxija mbaghad jghid illi kien ipparkja quddiem il-garaxx ta' l-konvenut Alfred Vella. Il-hanut kien madwar 30 pied 'l boghod, izda sema' d-diskors bejn il-konvenuti, fis-sens li hu kien kisser il-van ta' Fabio Vella. Meta Vella hareg mill-hanut, l-attur stess sejjahlu u kien hawn li habtu ghalih;

L-attur jispjega wkoll illi l-mobile waqa' minn gol-but tal-qalziet meta waqa' mal-art. Tqattalu l-qalziet ukoll;

Wara li habtu ghalih, il-pulizija gabruh mill-art. Iz-zewg konvenuti bdew ituh;

L-attur jikkonferma li ghandu aktar minn sinna wahda nieqsa;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

F’dan il-kaz, il-verzjoni tal-fatti hija li kien hemm glieda bejn l-attur u l-konvenuti, minhabba li Vella allega, li l-attur ikkaguna hsara fuq il-vettura ta’ ibnu, meta dan ipparkja filghodu quddiem il-garaxx tieghu u ma setghax johrog it-taxi. Dan l-incident wasal ghall-glieda bejn il-partijiet fejn Vella u Ciappara hebbew ghalih u kkagunawlu griehi, kif ukoll ikkagunaw danni fuq xi oggetti personali tieghu. L-attur ipproduca diversi certifikati medici u provi rigwardanti il-proceduri kriminali;

Il-konvenuti ma gabux provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom la in kwantu ghal mertu u lanqas in kwantu ghall-ammont tad-danni;

It-Tribunal ihoss li tenut kont ta’ dak li inghad hu l-kaz li joqghod fuq ix-xhieda ta’ l-attur, li hija l-unika prova li ghandha f’dan il-kaz u peress li tqisha bhala wahda kredibbli u konsegwentement izzomm lill-konvenuti responsabbli;

In kwantu ghad-danni pretiza t-Tribunal josserva li hemm differenza, ghalkemm minima bejn dak indikat fl-Avviz u il-prospett tad-danni li gie esebit fl-atti.

L-attur qed jippretendi mitejn tmienja u tmenin lira Maltin, tmienja u sittin centezmu (Lm288.68) li jirrapprezentaw il-prezz ta’ oggetti li gew mgarrfa fl-incident. Tmien mija wiehed u tmenin Lira Maltin (Lm881) spejjes medici u mitt lira (Lm100) bhala telf ta’ qliegh, b’total ta’ elf mitejn u disa’ lira Maltin, tmienja u sittin centezmu (Lm1,209.68);

Mill-provi rrizulta li sar prospett tad-danni li gew identifikati bhala:

(a) spejjes medici – Lm886
(b) danni fuq l-oggetti – Lm228.68

**TOTAL** – Lm1,114.18

Dwar it-telf ta' qliegh ma ngabu l-ebda provi mill-attur u ghalhekk il-mitt lira (Lm100) pretiza ma tistax tigi kkalkolata;

Ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talbiet attrici u izomm lill-konvenut responsabbli tal-incident li sehh fit-3 ta' Gunju, 2001 u tordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf mija u erbatax -il lira u tmintax –il centezmu (Lm1,114.18). Bl-ispejjes u l-imghax mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------